IL-PULIZIJA MAGAZINE

Ħarġa Vol.10 Nru 8



# Il-Kummissarju jingħata l-ħatra mill-Prim Ministru

HSBC LIFE ASSURANCE (MALTA) LTD. IS LICENSED BY MFSC. PAST PERFORMANCE IS NOT NECESSARILY A GUIDE TO FUTURE PERFORMANCE AND THE VALUE OF INVESTMENTS, INCLUDING THE CURRENCY IN WHICH THEY ARE DENOMINATED AND HENCE OF YOUR PRIVATE RETIREMENT PLAN MAY GO DOWN AS WELL AS UP. INVESTMENTS IN FOREIGN CURRENCY ARE SUBJECT TO EXCHANGE CONTROL REGULATIONS.



# Will your pension be enough?

## Private Retirement Plan from HSBC Life Assurance (Malta) Ltd.

Making the right decisions at the right time is essential. Thinking ahead is a must. The Private Retirement Plan from HSBC Life Assurance (Malta) Ltd. offers you the opportunity to do both.

It is a modern style investment package with potential long-term benefits, which can be reaped in those years you cannot yet imagine.

Call us today and we'll guide you through the possibilities and help you to understand that a retirement plan is not necessarily about retiring but about putting your money in areas of higher potential growth.

HSBC Life Assurance (Malta) Ltd.
Wesghat il-Kunsill ta' l-Ewropa,
Fgura PLA17
Malta

**Customer Helpline 0800 77 4444**
**www.hsbcmalta.com**

HSBC
The world's local bank

*Issued by HSBC Life Assurance (Malta) Ltd.*

# Kumment Editorjali

Għaddew kważi sitt xhur minn meta s-Sur John Rizzo ġie appuntat Kummissarju tal-Pulizija li ħa post s-Sur George Grech li minn hawn nixtiequ nirringrazzjawh tax-xogħol li wettaq għall-ġid tal-Korp fis-snin li serva minn meta ingaġġa bħala kuntistabbli sa ma spiċċa fil-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija.

Is-Sur Rizzo ħa l-ħatra ta' Kummissarju tal-Pulizija fit-2 ta' Novembru, 2001. Xhur li kienu ferm impenjattivi. Wara ftit jiem mill-ħatra kellu l-qtil brutali ta' seħibna Roger Debattista (li ma ninsew qatt), il-qtil ta' omm u binta li seħħ f'B'Bugia u l-għejbien ta' omm u bintha li wara instabu fil-baħar taċ-Ċirkewwa fis-sitwazzjoni li kulħadd jaf. Dawn il-każijiet flimkien ma xogħol ieħor li ġab miegħu l-uffiċju l-ġdid ħalla lill Kummissarju impenjat siegħat twal, anke sa tard bil-lejl sabiex jiġu solvuti, speċjalment id-delitti, kif fil-fatt sar. Minn hemm il-quddiem, is-Sur Rizzo ma ħarisx lura u kompla bil-ħidma tiegħu fis-setturi kollha f'ħdan il-Korp tal-Pulizija billi żamm laqgħat ma diversi uffiċjali tal-korp fejn iddiskuta u spjega l-veduti tiegħu dwar dak li jrid issir fil-korp tal-pulizija. Barra dan ix-xogħol, il-Kummissarju ħa ħsieb li jkun hemm modernizzar fid-diversi sezzjonijiet tal-Korp bħal ma qed isir fil-Kavallerija, Sezzjoni tal-Klieb u fid-diversi għases tal-Pulizija f'Malta u Għawdex. Ma dawn irrid insemmi l-ftuħ taċ-Ċentru ta' detenzjoni ta' l-Immigranti illegali f'Ħal-Far li sar ħafna xogħol fih. Dan kollu juri l-ħeġġa u l-impenn li bih daħal għax-xogħol l-Kummissarju.

Dan żgur li jawgura tajjeb għall-Korp tal-Pulizija biex ittejjeb l-impenji tiegħu lejn iċ-ċittadin Malti.

Minn din il-paġna, l-Bord Editorjali tal-Magazine 'Il-Pulizija' jawgura lill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur John Rizzo aktar snin ta' ħidma b'riżq il-membri tal-Korp u s-soċjetà Maltija.

# F'din il-Ħarġa


| | |
|---|---|
| John Rizzo - Commissioner of Police | 3 |
| Inauguration of the New Immigration Reception Centre | 4 |
| Tberik ta 7 muturi ġodda u gym | 9 |
| Pulizija Maqtul f'Hold Up f'bank | 10 |
| Tifkira ta' l-aħħar Ċena | 14 |
| 18 members of the force donate blood | 17 |
| The public perception of the Malta Police Force | 20 |
| Ittri | 22 |
| Membri tal-korp b'talent | 23 |
| Seminar by the members of the Law Administrative Law Enforcement | 24 |
| IPA e-News | 27 |
| Joseph Guazzo | 29 |
| Malta Police Mutual Help Association | 30 |
| Obitwarju | 31 |
| Għaqda Pulizija Pensjonanti | 32 |
| Intervista - L-ex Surġent George Muscat | 35 |



Editur
P.S. 512 Martin Ellul

Membri tal-Bord Editorjali
Spettur David Saliba
Spettur Mary Muscat
P.S. 977 Joseph Zammit
W.P.C. 93 Carol Fabri
Mr. Vincent Zahra
Mrs. Doris Zammit

Volum 10 Numru 8
Maħruġ mill-Pulizija

Kull korrispondenza għandha tkun ittapjata u għandha tintbagħat lill-:

Editur "Il-Pulizija"
C.M.R.U.
Police Headquarters
Floriana CMR 02

Il-materjal li jiġi pubblikat f'dan il-magazin mhux bilfors jirrifletti l-oppinjoni tal-Bord Editorjali.

"Il-Pulizija" tirringrazzja lid-ditti u aġenti tar-reklami li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom u nħeġġu lill-qarrejja biex jagħmlu użu minnu.



Riklami miġbura minn

Millennium Marketing Ltd.

Johnny Catania Street, Msida
Tel/Fax: 2133 6481
Mob: 9989 9492

30, St. Joseph, Triq San Pietru, Fgura PLA 15
Tel/Fax: 2180 2938 • Mobile: 7980 2938
e-mail: jjzc@onvol.net

# Datatrak

## seeyourassetsonline




### Secure

Systems divert visual audio signals through secure internet solutions and generates alarm signals that operates through state of the art radio technology.

### Intelligent

System differentiates alarm statuses prompting the particular emergency services within seconds.

### Accessible

The system is designed to give flexible security solutions according to your requirements. Using the latest networking and internet technologies we can offer you systems that can give you the possibility if visualizing and monitoring your property anywhere in the world.

### Interfaced

Alarmtrak has been interfaced with the latest technology in CCTV equipment in order to give you a better security solution. It is also designed to interface with other equipment giving you the facility to use your already existing alarm system.

### Cost-Effective

Besides being a cost-effective service you can also benefit from discounts on insurance premiums.

**Datatrak**
We're here to help.

visit www.datatrak.com.mt for more details

**M.P.D.S.**
PO Box 32,
St Paul's Bay
Tel: 79478888
mpds@mail.globalnet.mt
Sole distributors of Datatrak Alarmtrak

Discounts on insurance premiums are being offered to ***datatrak*** clients by

FORTRESS INSURANCE AGENCY LIMITED

***datatrak*** systems ltd. is enrolled on the sub-agents' register of Fortress Insurance Agency Limited. Fortress Insurance Agency Limited is licensed by the MFSC to act as agent of Middle Sea Insurance plc.

F.26 Mosta Technopark MST 13 Malta Tel: 21421050 Fax: 21421049

e-mail: info@datatrak.com.mt



Commissioner of Police Mr. John Rizzo with his family

# John Rizzo: Commissioner of Police

John Rizzo, son of Gerald and Concetta nee Ear was born on 10 May 1956 in Cospicua. He is married to Catherine and has four children, Elaine aged 18, Keith aged 16, Jeffrey aged 10 and Kurt John aged 4.

He received his primary education at the Cospicua Primary School and his secondary education at St Joseph Secondary School, Paola.

In 1976 he joined the Malta Police Force as a constable and performed district duties in the Valletta and Cospicua Police Stations. In 1980 he was promoted to Sergeant and in 1984, following a competitive examination, he was promoted to the rank of Inspector.



In1986 he obtained a Diploma in Law and Administration from the University of Malta. In 1991, Mr Rizzo was posted to the Criminal Investigations Department. While serving in this post, he attended a European Homicide Investigation's course for senior detectives from European Police Forces at this Police Staff College in Branshill, UK. He also carried out duties with Metropolitan Police officers, investigating unsolved murder cases.

In1996 Mr Rizzo was promoted to the rank of Superintendent and in 1997 as an Assistant Commissioner. In 1997, he attended a familiarization visit to several section of the Metropolitan Police Services, while in 1998, he attended a training course in International Law Enforcement Cooperation at the National Police Agency in Japan.

Mr John Rizzo was appointed Commissioner of Police on 2 November 2001.

*The Hon. P.M. Dr. E. Fenech Adami, with Home Affair Minister Dr. T. Borg together with the newly appointed Commissioner of Police Mr. John Rizzo.*

## Inaugurating of the New Immigration Reception Centre in Hal-Far

The immigration reception centre was inaugurated on the 15th February, 2002 by Home Affairs Minister Dr. Tonio Borg LL.D. , in the presence of the Commissioner of Police Mr. John Rizzo, refugee Commissioner Mr. Charles Buttigieg and ranking



Police Officers. This building was formerly used by British Forces and left abandoned in 1979 with the end of British Force on the Island. Praises goes to the Police trade section who refurbished this new premises with sanitary facilities, recreational Basket ball court facilities, a small clinic and laundry room with kitchenette. This is far better than the uncomfortable conditions that the illegal immigrant where kept in at the detention centre at Ta' Kandia with all staying in one dormitory with few facilities. The new building can accommodate 90 illegal immigrant and around 36 refugees. Rooms can take up to 8 people, does giving them some privacy.

## Diskors tal-Kummissarju tal-Pulizija

Kif konna ghedna fil- 21 ta' Dicembru, 2001 meta konna ltqajna f'dan il-post, il-Pulizija kellha l-hsieb li tiftah dan ic-centru ta' detenzjoni ghall-Immigranti llegali u persuni ohra li jkunu qed ifittxu status ta' refugjati. Post li jixraq ghal dawn il-persuni fiz-zminijiet tal-lum. Post li huwa aktar dinjituz milli kellna s'issa. Dan huwa centru li ghandu kapacita li jospita fih sa 120 persuna.

Minn dak in-nhar sa llum komplejna ghaddejjin b'hidma kontinwa biex inlestu dan ic-centru fl-iqsar zmien possibli. Dan il-post kien fi stat ta' abbandun. Sar xoghol kbir kemm strutturali, xoghol ta' tikhil, ilma, dawl , showers, toilets u ghamara. Inbnew facilitajiet fejn dawn il-persuni jkunu jistghu jirrekrijaw ruhhom. Ix-xoghol li hawn, f'dan ic-centru huwa xoghol li sar mit-tradesmen tal-Pulizija. Nixtieq nirringrazzjhom ta' dan il-kontribut.

Dan huwa post li ahna stess se nitghalmu minnu, u jekk ikun hemm il-bzonn inkomplu intejbu l-facilitajiet li diga jezistu.

## Diskors mill Onor. Ministru ta' l-Intern Dr. Tonio Borg

Il-htiega biex jinbena bini bhal dan li fih se jkun qed jospita l-immigranti li jidhlu f'dan il-pajjiz hija parti mill-isforz kollettiv li l-Gvern qed jaghmel biex filwaqt li jhares lil pajjizna minn immigrazzjoni llegali u jharrax il-pieni kontra dawk li jisfruttaw lill dawn l-immigranti jittratta lill dawn l-immigranti llegali b'mod dinjituz.



*Il-Kappillan tal-Pulizija jbierek iċ-ċentru ta' l-Immigrazzjoni.*

Dan il-bini ser jilqa kemm dawk l-immigranti klandestini li jinqabdu Malta

# Technik Computer Systems

**Student Smart Card Accepted**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Processor | Celeron 1.0 GHz | Duron 1.3 GHz | P4 1.6GHz |
| Main Board | ECS | ECS | ECS |
| Memory | 128Mb PC 133 | 128Mb PC 133 | 128Mb DDR |
| Hard Drive | 20Gb | 20Gb | 40Gb |
| Graphics | 8Mb SiS VGA | SiS 16Mb | SiS 305 32Mb |
| MultiMedia | 52 Speed | 52 Speed | DVD 16 Speed |
| Monitor | 15" Monitor | 15" Monitor | 17" Monitor |
| Standard features | 3D Sound Blaster, 300 Watt Speakers, 56Kbps Modem, 2 USB ports, Floppy Drive, ATX Case, Keyboard, Mouse & Mat, Serial/Paralell & Games Ports | | |
| FREE | • Hutchinson Encyclopaedia • Ability OFFICE 2000 • Software + Free Kids Software (ask for availability) & One Month Internet & Computer Table | | |
| PRICE Vat Included | Lm285 | Lm285 | Lm390 |

# Peripherals & Upgrades

| | | | |
|---|---|---|---|
| Computer Chair | Lm 15 | HP Ink Jet Printer HP845 | Lm 45 |
| Computer Desk | Lm 45 | Sony/LG CD-RW Drive | Lm 60 |
| 500VA Power UPS | Lm 45 | HP Scanner 2200 | Lm 40 |

| | | |
|---|---|---|
| Upgrade from 15" Monitor to 17" Monitor | add | Lm 20 |
| Upgrade from 17" Monitor to 15" TFT LCD | add | Lm140 |
| Upgrade from 128Mb SDRAM to 256Mb SDRAM | add | Lm 20 |
| Upgrade to Cordless Mouse | add | Lm 6 |
| Upgrade from CD-ROM to DVD ROM | add | Lm 35 |



Electronic Products Ltd., 47, Old Railway Track, Santa Venera HMR 16
Tel: 2144 5190, 2144 5194. • Fax: 2144 5188 • email: elecpro@link.net.mt



*Il-Ministru Tonio Borg u l-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo idwaru lill-gurnalista madwar ic-centru*

llegalment u kemm dawk li jkunu hawnhekk u jkollhom talba pendenti ghal status ta' refugjat. Id-distinzjoni bejn immigrant klandestin hija netta u ghandha tkun cara ghal kullhadd.

Sa ftit tas-snin ilu,l-immigranti llegali kienu jitpoggew il-habs jew jithallew ghal- xhur shah fic-celel tad-Depot li kienu ntizi ghal akkomodazzjoni ghal-massimu ta' 48 siegha, u anke ghal tali detenzjoni qasira tal-post kien gie kkundannat anke mill-Qrati Maltin. Fil-fatt anki r-rapport tal-Kunsill ta' l-Ewropa kemm 1990 kif ukoll 1995 kien appellaw lill Gvern sabiex jirrimedja ghal din is-sitwazzjoni peress li dawn l-immigranti ma setghux jitqisu bhala kriminali.

Kien ghalhekk li l-Gvern iddecida li jirranga post dilapidat li qabel kien f'idejn is-servizzi sabiex jakkomoda l-immigranti u dawk li japplikaw ghal status ta' refugjat. Ta min jghid li sa ftit taz-zmien ilu dan il-post kien kompletament abbandunat u fi stat dilapidat.

Fil-fatt, mill-1979 sal-lum dan il-bini ftit li xejn intuza. Minn meta inghata lill-Korp tal-Pulizija sar hafna xoghol fih u hawnhekk nixtieq nifrah lit-trade section li taht it-tmexxija tal-Kummissarju ghamlu l-almu taghhom kollu biex joffru post dicenti u uman ghal dawk kollha li jsibu ruhhom fih. Dan il-post huwa hafna ahjar minn dak li kien hemm Ta' Kandja li kien tajjeb ghal numru limitat ta' immirganti izda meta kien ikun hemm influss kbir kien johloq problemi ta' sovraffollament.
Ic-centru l-gdid jilqa fih madwar 100 persuna u fih il-facilitajiet kollha li wiehed ghandu jsib f'post ta detenzjoni. Bhalissa f'Malta hawn madwar 70 immigranti,li l-parti l-kbira taghhom applikaw ghal-status ta' refugjat.
Nixtieq niehu din l-opportunita sabiex infahhar il-hidma tal-Pulizija ta' l-Immigrazzjoni ghal hidma ta' dawn l-ahhar xhur kontra l-immigrazzjoni llegali. Ta' min ifakkar illi 2001 gew rifjutati fl-Ajruport u fis-Seaport 2266 persuna barranija, 731 persuna ttellghu l-Qorti biex jigu deportati. Minn dawn madwar 60 persuna ghadhom Malta minhabba li ghandhom talba pendenti ghal status ta' refugjat.
Fl-ahharnett ta' min ifakkar li kif weghdna fil-White Paper, il-Parlament approva klawsola li biha kull min jinqabad iwettaq ir-reat tat-traffikar fl-immigranti jehel; piena ta' hames snin (qabel kienet sitt xhur) u jew multa minima ta 10.000 lira Maltin u ma tistax tinghata sentenza sospiza, piena anqas mill-minimu, jew 'probation'. Dana oltre il-piena applikabli f'kaz ta' hsara li ssir fuq il-persuna ta' l-immigranti.

Il-Gvern huwa kommess li l-postijiet bhal dawn jkunu jirrispettaw id-dinjita tal-persuna, rrispettivament minn liema parti tad-dinja tkun gejja u tkun xi tkun ir-raguni ghaliex tkun qed tinzamm hawnhekk.



*Il-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo jispjega lill gurnalisti prezenti dwar ix-xoghol li sar biex il-post gie rinnovat.*




CINEMAS


FOOD COURT


MULTIVISION SHOW

BINGO

IN THE HEART OF VALLETTA

Sta. Lucia Street, Valletta. Tel: 21 227436, 21 245818

Design © Advantage Advertising Ltd 2002. Tel: 2124 9924/5 • Fax: 2124 3927.





# POLIDANO GROUP

**Construction, Manufacturing, Hospitality & Leisure**

Ħal-Farruġ Road • l/o Luqa LQA 05 • Malta
Tel: (356) 244520, 244539, 244241 • Fax: (356) 244200
E-mail: polidano@vol.net.mt

**Polidano Group - Ħal-Farruġ Plant - Luqa**

***A high-tech industrial site comprising a variety of concrete fabrication equipment. Polmix Bricks Ltd, Eagle Beams Ltd, Cement Mix Ltd, and Precast Ltd work in synergy to produce top quality construction products. Mait Ltd, another subsidiary, produces hot and cold asphalt and other related bitumenous products.***




*Polidano Group incorporates:*

- Polidano Brothers Ltd • Polmix Bricks Ltd • Mait Ltd
- Eagle Beams Ltd • Cement Mix Ltd • Polmesh Ltd
- Lapsi Quarry • Polidano Leisure Ltd • Polidano Holdings Ltd

ISO 9002 Certification

# Tberik ta' 7 muturi ġodda u Gym ġdid

7 muturi ġodda għat-taqsima tat-traffiku



u Gymnasium li qiegħed fit taqsima ta' S.A.G. f'Ta' Kandja Gew imbierka mill-Kappillan tal-Pulizija Fr. Raniero Zammit. Għall-din l-okkazzjoni attendew il-Ministru ta' l-Intern Dr. Tonio borg u l-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo. Prezenti kien hemm bosta uffijali ghoja tal-Korp.

## Diskors tal-Kummissarju

Mill-bidu tal-ezistenza ta' dan il-kumpless kient inħasset il-ħtieġa li jkun attrezzat b'Gymnasium fjen ikun jista' jsir it-taħriġ fiżiku li tan huwa mportanti fil-qadi tad-doveri tal-Pulizija speċjalment għall-skwadra speċjali bħalma hija l-Special Assignment Group. Ħafna drabi membri ta' din l-iskwards jiġu msejħa fuq operazzjonijiet seċjali, difficċli u b'sogru kbir għall-ħajja kundizzjoni fiżika. Mal milja taż-żmien inħasset il-ħtieġa li l-gymnasium ezistenti jiġi mkabbar u attrezzat b'aktar apparat modern. Fil-fatt kif qed tgħaraw inbena dan il-Gim fjen fih wieħed isib apparat modern għat-taħriġ fiziku. Ta' min isemmi li dan ix-xogħol tista' tgħid li sar kollu minn membri tal-istess skwadra. Jiena nifirħilkom ta' dan ix-xogħol li għamiltu, inħeġġeġ mhux biss lill-membri talS.A.G. imma lil kull membru tal-Korp Halli jsib il-ħin u jagħmel uzu minn dawn il-faċiltajiet li jeżistu f'dawn il-kwartieri u oħrjan li għadna ġewwa l-akkademja. Issa nistieden lill-Hornorevoli Ministsru tal-Intern, Dr. Tonio Borg sabiex jgħid kelmtjen ta' l-okkazzjoni.

Grazzi.



## Diskors Tal-Ministru

Sur Kummissarju, Sinjuri

Il-membri tal-Korp tal-Pulizjia għandhom wieħed mill-aktar xogħolijiet diffiċli. Il-Pulizija għandu jieħu ħsieb is-sigurta' pubblika. Izda għandu l-poter ukoll li juża l-forza biex jipproteġI lill-ħaddieħor. Il-Pulizija qegħdin hemm biex jipproteġuna mill-kriminalita', Iżda fl-istess waqt għandhom jipproteġu wkoll id-dritijiet tagħna.

Biex jagħmlu x-xogħol tagħhom b'mod effettiv, il-Pulizija jridu jiksbu l-fiduċja u r-rispett tal-komunita' fejn iservu. Huma għandhom jizviluppaw relazzjoni ta' sħubija maċ-ċittadin li jipproteġu.

Fundamentali wkoll fix-xogħol tal-Pulizija huwa t-taħriġ. Illum il-ġurnata bis-saħħa ta' l-Akkademja tal-Pulizija kull rekluta ġdid li jissieħeb fil-Korp jgħaddi minn perjodu ta' taħriġ kemm akkademiku kif ukoll fiziku. L-Akkademja, matul is-sena torganizza wkoll refresher courses għall-Pulizija fil-livelli kollha.



Dan il-gym ta' l-SAG li qed ninawgura illum, huwa ta' importanza kbira biex il-membri ta' l-SAG ikomplu għaddejjin b'taħriġ fiziku li għandhom bżonn biex ix-xogħol tagħhom jibqgħu jagħmluh kif jixraq. Ix-xogħol ta' l-SAG huwa x'aktarx l-aktar wieħed skabruż tal-Korp, Huma jservu ta' pulizija kontra r-rewwixti, ta' skorta għall-VIP's u jakkumpanjaw it-traspost u l-esibizzjoni ta' oġġetti prezzjuzi. Iservu wkoll ta' gwardji ma' ambaxxati u postijiet oħra ta' importanza strateġika – xogħol li l-volum tiegħu zdied ħafna wara l-attakki tal-11 ta' Settembru.

Dan il- gym jintuza wkoll biex fih isir taħriġ fl-arti marzjali. Fill-fatt instructors kwalifikati jagħtu taħriġ, mhux biss lill-membri ta' l-SAG, Iżda wkoll ill-Pulizija tal-Mobile f'dixxiplini bħal ma huma l-Akido u l-Judo. Tajjeb li wieħed jenfasizza li x-xogħol kollu li sar fil-bini u l-attrezzar ta' dan il-gym, għamluh il-membri stess ta' l-SAG.

L- okkazjoni tal-lum qed isservi wkoll biex ninawguraw uffiċjalment dawn is-seba; muturi li nxtraw għall-pulizija tal-mobile. Minbarra dawn il-vetturi l-ġodda u oħrajn bħalhom, inxtrat il-magna li taqra l-fingerprints b'mod awtomatiku, ġiet stallata sistema ta' trucking ghall-vetturi kollha, inxtraw għadd ta' bullet proof vests u se jinxtraw oħrajn, u nbenew kwartieri ġenerali għodda għat-taqsimiet kollha tal-Korp. Dan kollu kien possibbli permezz tad-deċizjoni li ħa l-Gvern, li fl-ewwel budget tiegħu wara l-aħħar elezzjoni, kien zied il-vot kapitali tal-Pulizija b'40 fil-mija u dan il-vot inzamm konsistenti fil-budgets sussegwenti.

Din turi l-konsistenza u l-impenn min-naħa tal-Gvern biex ikompli jwettaq il-wegħda tal-programm elettorali biex jiġu attirati l-aħjar nies lejn il-korp, u jingħaaw aktar taħriġ spċjalizzat kif wkoll l-aħjar tagħmir għax-xogħol tagħhom.

# Pulizija maqtul f'Hold-Up f'bank



PC494 Roger Debattista, missier ta' tlett itfal żgħar bniet u li għandu 34 sena minn Birkirkara, stazzjonat fit-Taqsima tal-Klieb, nqatel kiesaħ u biered, b'tif ta' arma tan-nar, waqt hold-up li spiċċa f'delitt fahxi, li seħħ fil-fergħa tal-Bank of Valletta f'Ta' Farsina, f'Hal Qormi.

Dettalji dwar kif seħħ dan id-delitt ingħataw aktar tard fil-għaxija, waqt konferenza ta' l-aħbarijiet indirizzata mill-Kummissarju tal-Pulizija, John Rizzo. Kommoss għall-aħħar b'din il-ġrajja traġika li laqtet il-Korp tal-Pulizija, il-Kummissarju Rizzo spjega li l-qtil seħħ għal ħabta tal-10.45 a.m.

Huwa fisser kif dak il-ħin, quddiem il-fergħa tal-BoV, li tinsab fi Triq il-Ħelsien, waqfet karrozza Lada Samara ħamra bin-numru tar-reġistrazzjoni JBA-497 b'erba persuni ġo fiha u li minnha niżlu tlieta minnhom. Huma kollha kienu mgħammda, wieħed b'maskra, ieħor b'tights u ieħor bi balaklava sewda. Weħed mill-ħallellin kien armat b'senter tal-kaċċa.

Il-Kummissarju John Rizzo, b'demgħa f'għajnejh fisser li din kienet l-aħħar azzjoni li wettaq PC Debattista, għax kien f'dan il-mument li wieħed mill-ħallellin, li kien armat bis-senter, kif raħ isakkar il-bieb, resaq qrib il-bieb, poġġa l-kanna tas-senter viċin il-ħġieġ tal-bieb fil-baxx u spara tir fid-direzzjoni ta' PC Debattista.

Minħabba li huwa kien eżatt wara l-bieb biex ma jħalliex lill-ħallellin jidħlu ġewwa, it-tir faqa l-ħġieġ, bil-konsegwenza li PC Debattista ntlaqat fuq in-naħa t'isfel tal-lemin ta' ġenbu, liema tir nifed ukoll il-pulmun. Mat-tir, Debattista mexa żewġ passi lura, waqa fl-art u spiċċa minxur fl-art f'għadina demm.

Kif ħadu l-flus, fis-serqa li damet biss minuta, il-ħallellin, qabel ma ħarġu l-barra, ħadu wkoll l-arma tas-servizz minn fuq PC Debattista. Huma rikbu fil-karozza fejn abbandunawha fi Triq id-Deheb Fin, li tinsab ftit kantunieri biss il-bogħod mill-bank. Minn hemm il-ħallelin ħarbu b'karozza oħra li kienet ipparkjata fl-istess post, tant li kienu evidenti marki friski ta tyers. S'issa din il-karozza għadha ma nstabitx.

Malli sar magħruf li seħħ il-hold-up, fuq il-post bdew jaslu għadd kbir ta' Pulizija mill-Iskwadra tal-Mobile u tad-Distrett. Kif waslu hemm huma sabu lill-kollega tagħhom, PC Roger Debattista, f'għadina demm jokrob b'uġigħ kbir. Huma ċemplu għall-ambulanza li ħadet lil Debattista l-Isptar San Luqa fejn iddaħħal minnufih fit Taqsima ta' l-Emerġenza biex jiġi operat. Madankollu huwa miet ftit tal-Hin wara, kawża tal-ġrieħi serji li ġarrab bit-tir.

Malli kienu nformati bil-każ, fuq il-post waslu dawk tad-Distrett immexxija mis-Supretendent Pawlu Sammut u l-Ispettur Paul Bond, flimkien mas-Surġent Joseph Magnani. Ftit ħin wara waslu wkoll l-Assistent Kummissarju Michael Cassar u s-Supretendent Pierre Callejja li qegħdin imexxu l-investigazzjonijiet min-naħa tad-Dipartiment ta' l-istħarriġ Kriminiali. fuq il-post imexxi l-investigazzjonijiet mar il-Kumissarju tal-Pulizija, John Rizzo u d-Deputat Kummissarju, Joe Cachia.

Il-Maġistrat ta' l-Għassa, Dr Noel Cuschieri kien ukoll informat u mar fuq il-post biex imexxi inkjesta maġiesterjali. Huwa ħatar lill-Perit Richard Aquilina u lil Dr. Mario Scerri bħala esperti tal-Qorti u lil Brigadier Maurice Calleja bħala espert ballistiku, flimkien mal membri tal-Laboratroju Forensiku mmexxija mill-Ispettur John C. Ellul u s-Surġent Joseph Farrugia.

PC949 Roger Debattista daħal fil-Korp fit-12 ta' April, 1986 u kien stazzjonat fit-Taqsima tal-Klieb. PC Debattista kien pulizija eżemplari u kien iħarreġ il-klieb iż-żgħar u kien ukoll joħroġ mal-kelb tiegħu Max kull meta jkun hemm theddida ta' bomba, mal-membri tal-Bomb Disposal Unit tal-Forzi Armati.

PC Debattista kien miżżewweġ lil Simone u kellu tlett itfal bniet - Kelsey ta' tmien snin, Chanice ta' sitt snin u Jeżmine li hija tarbija ta' 15-il xahar. Il-bierah stess Debattista għalaq 15-il sena u timen xhur fil-Korp tal-Pulizija. Fil-fatt Debattista ma kienx xogħol, iżda daħal extra għassa mal-Bank bil-ħsieb li jaqla lira żejda għal ġid tal-familja tiegħu.

Il-Kummissarju Rizzo sellem lil PC Roger Debattista u anke offra l-kondoljanzi tiegħu u tal-membri kollha tal-korp lill-familja tal-pulizija. Huwa wiegħed li se jsib lin-nies li kienu responsabbli għal dan id-delitt u jitressqu quddiem il-ġustizzja. Għall-Kummissarju Rizzo d-delitt kien ta' xokk kbir għalih u esperjenza ta' diqa kbira għall-Korp tal-Pulizija.

***Lill-Seħibna Roger Debattista P.C. 949***

*Stajt kont jien li qlajt it-tiri,*
*Stajt kont jien mixħut hemm fl-art,*
*Però Alla ħa lill-Roger.....*
*ħalli jżommu taħt dirgħajh.*

*Kien mal-bank biex jaqla lira,*
*Il-ħalliel ġie jisraq l-bank ...*
*Kien kodard u b'tir ta' senter*
*Lill-seħibna naxar fl-art.*

*Roger kien kollega dħuli ...*
*B'rieda soda daqs il-blat*
*Tilef ħajtu waqt li dmiru ...*
*Kien qed jaqdi f'dak il-bank.*

*Roger ħaqqu l-prosit tagħna ...*
*Talli għamel mill-aħjar,*
*Biex isalva lill ħaddieħor ...*
*Malli twettaq da'l-hold up ...*

*Roger, sieħbi insellimlek ...*
*Nagħtik kelma minn din l-art ...*
*Li sejrin nagħmlu minn kollox:*
*Biex MIN QATLEK JIEHU L-ĦAQQ!!!*

*Ma nixtieqx li ngħidlek aktar ..*
*Għax biżżejjed dan li għidt ....*
*J'alla l-Bambin iżommok qribu ...*
*Saħħa Roger .... Mingħand kullħadd.*

# Assorba l-ħażen biex ħaddieħor ma jiġrilu xejn

Il-poplu Ħamruniż il-bieraħ filgħodu nġabar fil-Knisja ta' San Gejtanu u anke fit-tirq prinċipali li tagħti għall-knisja biex ta l-aħħar tislima lil-Kunstistabbli tal-Pulizija Roger Debattista, li nhar it-Tnejn inqatel kiesaħ u biered minn erba' persuni waqt il-hold-up li seħħ fil-fergħa gal-BoV f'Ta' Farsina, Ħal Qormi.

Madankollu kien il-messaġġ imqanqal li wassal Fr. Noel Grima, fl-omelija li għażel waqt il-quddiesa presente cadavere, li bi ftit kliem, iżda b'mod ċar, wera x'dedikazzjoni kellu Roger Debattista għax-xogħol pulizjesk li kien tant iħobb.

"Dak li għamel Roger, għamlu f'isimna lkoll. Hu ħa fiħ l-effetti tal-ħażen biex jiddefendi lill-ħaddieħor. Assorba l-ħażen biex ħaddieħor ma jiġrilu xejn. Ħabb il-familja tiegħu, ħabb lill-ġenituri tiegħu u intom ħabbejtuħ. Ħadem kemm felaħ għall-familja u Roger miet b'unur kbir."

Il-funeral beda għal xi t-8.00 a.m. meta fi Pjazza Fra Diegu waqa skiet kbir li taqtgħu b'sikkina, hekk kif waslet il-karozza tal-mejtin, iġġor it-tebut bil-ġisem ta' Debattista fih. Xeni ta'swied il-qalb ħakmu lil dawk il mijiet ta' nies li nġabru f'din il-Pjazza u tu Triq San Ġużepp il-Kbira. Iżda malli t-tebut tniżżel minn ġol-karozza biex jinġarr sal-Knisja, is-skiet spiċċa f'bikja kbira mill-qraba tal-vittma u omm il-vittma, Suzanna, hekk kif rat it-tebut infexxet tgħajjat, "dawn l-affarijiet ta' l-imġienen, għaliex..."



Jakkumpanjaw il-ġisem tal-kuntistabbli Debattista lejn il-knsija biex issir il-quddiesa presente cadavere fuq quddiem nett tal-korteo ken hemm il-Banda tal-Pulizija li daqqet marċi funebri u warajha stakkament żgħir mill-iskwadra tal-precision dril. quddiem it-tebut mexa l-kappillan tal-Korp tal-Pulizija wara t-tebut imxew mart il-vittma, Simone, il-ġenituri tiegħu Suzanna u Joe, ħutu, qraba u ħbieb.

Fl-ewwel parti tal-korteo, it-tebut inġarr minn sitt pulizija reffiegħa. Iżda malli waslu nofs triq, dawn inbidlu u sal-knisja it-tebut inġarr minn sitt kolleġi tal-PC Debattista li kollha huma stazzjonanti miegħu fis-sezzjoni tal-Klieb. Id-dieqa fuq dawn keient waħda kbira - jibku għax jafu li qegħdin jiġørru lill-seħibhom li għal ħafna u ħafna snin ħadmu miegħu.

Hekk kif it-tebut wasal quddiem il-Knisja ta' San Gejtanu, intlaqa b'ċapċip kbir minn dawk preżenti. Fil-knisja wkoll ma waqafx iċ-ċapċip, mill-mijiet ta' persuni oħra li mlew kull rokna, fosthom membri tal-Korp tal-Pulizija. Iżdaċ-ċapċip waqaf ħesrem hekk kif Suzanna - omm Debattista - bdiet tgħajjat, "ħalluni nbus lil ibni, ħalluni nbusu għall-aħħar darba" u f'dan il-mument hija ntegħet tgħannaq it-tebut, taf li hemm ġew hemm binha li rabbiet u li llum jinsab mejjet.

F'dan il-ħin tah ħass ħażin iz-ziju tal-vittma li kien bil-qiegħda ħdejn it-tebut. Tul il-quddiesa kollha, Simone Debattista baqgħet il-ħin kollu tħares ċassa lejn l-altar, fil-waqt li misssieru Joe, daqqa baqa jħares lejn it-tebut u daqq iżomm id martu.

Fl-omelija tiegħu, li kienet waħda imqanqal, Fr. Grima fakkar kif, "din hija t-tieni darba f'temp ta' 13-il xahar biex li din il-Knisja ospitat funeral ieħor ta' bniedem maqtul. It-tnejn, meta kienu tfal, kienu jilagħbu fit-toroq li jdawru din il-knisja u d-destin ried li t-tnejn li huma temmew ħajjithom f'qasir żmein. It-tnejn spiċċaw maqtulin b'konnessjoni max-xogħol tagħhom f'bank."

Huwa kellu wkoll kliem iebes għall-qattiela u staqsihom "Int min int, u int fejn int, ejja ara x"għamilt. Għandek familja u tfal id-dar? Għandek ommok u missierek? Ejja mela ara x'għamilt."

Huwa żied jgħid li għalkemm jinsabu fi knisja, li hija d-dar t'Alla, xorta waħda ninsabu hawn ġewwa fil-preżenza tal-ħażen u qegħdin nieħdu sehem fl-effetti tal-ħażen għax il-ħażin jeżisti. "Iżda Roger għamlilna unur għax għamel dak li Pulizija għandu jagħmel meta tasal is-siegħa tal-prova. Kunu kburin li kellkom lil Roger," temm l-omelija tiegħu Fr. Grima.

Wara l-quddiesa, PC Roger Debattista ndifen fil-qabar tal-

# Is your security system alert 24 hours a day?

BELL

Chubb

## Feel Safe

Philip Toledo Ltd. has been in the security business for over fifty years, and is the sole local distributor for the world renowned **Chubb** and **Bell** security products including:

- Intruder Alarms
- Fire Alarms
- Access Control Units
- Closed Circuit TV
- Security Safes
- Document Fire Safes
- Computer Media Safes
- Integrated Security Systems



BSI REGISTERED UKAS QUALITY MANAGEMENT 003

ISO 9002 Certificate No. FS 55188

**PHILIP TOLEDO LIMITED**
Computer & Communication Solutions

Notabile Road, Mriehel BKR01. Tel: 21 44 55 66 Fax: 21 48 43 16
e-mail: info@ptl.com.mt www.ptl.com.mt

22494 - 02/2002



Korp tal-Pulizija, fiċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata. Għall Funeral tal-Kuntistabbli Debattista attendew l-għola awtoritajiet tal-pajjiż, fosthom il-President ta' Malta Guido de Marco, il-Prim Ministru Eddie Fenech Adami u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni Alfred Sant, kif ukoll l-uffiċjali għolja kollha tal-Korp tal-Pulizija mmexxija mill-Kummissarju John Rizzo, sħab u kollegi ta' Debattista fit-Taqsima tal-Klieb u pulizija oħra mit-taqsimiet l-oħra. Preżenti wkoll kien hemm uffiċjali mid-dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, Forzi Armati, mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, il-Ministru ta' l-Intern Tonio Borg, il-Ministru Austin Gatt, is-Segretarju Parlamentari George Pullicino u d-Deputati Laburisti Anglu Farrugia u Gavin Gulia.

Bili-każ tad-delitt ta' dan il-kuntistabbli tal-pulizija tressqu l-Qorti erba persuni - Andy Calleja ta' 21 sena mix-Xgħajra, Ian Galdes ta' 19-il sena minnn Ħal Qormi, Mark George Falzon ta' 25 sena mill-Ħamrun u Mario Borg ta' 32 sena minn Ħaż-Żebbuġ - u kollha kienu mixlija bil-qtil tiegħu u bil-hold-up.

Dan il-każ kien solvut f'inqas minn 40 siegħa minn meta seħħ, wara investigazzjonijiet intensivi li saru mill-Kummissarju John Rizzo, l-Assistenti Kummissarji Alfred Abela u Michael Cassar, is-Supretendenti Pierre Calleja u Paul Sammut, flmikien ma' l-Ispetturi Jeffrey Cilia, Carmelo Bartolo, Anġlu Caruana, u David Saliba. Huma waslu biex ressqu lil dawn l-erba' persuni wara li l-għada tad-delitt, f'Santa Venera, instabu l-flus misruqa fil-hold-up, l-arma tas-servizzi li kellu l-Kuntistabbli Debattista u anke nstabu l-ħwejjeġ li kienu lebsin waqt il-hold-up.

## Il-Kabinett jesprimi solidarjetà

Waqt li kien qed jiltaqa', il-Kabinett ġie infurmat bid-delitt serju ta' qtil ta' Pulizija Roger Deattista (PC 949), waqt hold up f'bank hal Qormi. Filwaqt li l-Kabinett esprima solidarjeta' mal-qraba tal-vittma, u l-kundanna ghal dan ir-reat fahxi, huwa sahaq fuq il-htiega li min kien responsabbli ghal dan id-delitt, jingieb quddiem il-gustizzja, halli jiehu dak li ħaqqu.

L-impenn tal-Korp tal-Pulizija fil-glieda kontra l-kriminalita' ghadu u sejjer ikompli. Il-Kabinett awgura li ma jdumx ma jigi solvut dan ir-reat.

DOI - 12.11.2001

## Stqarrija mill-Ministru ta' l-Intern

Il-pajjiz kollu hu xxukkjat bil-qtil barbaru tal-Pulizija Roger Debattista li kien xogħol għassa ma' bank f'Ħal Qormi, meta sparawlu persuni kriminali li wettqu hold-up fuq l-istes bank.

Bil-mewt tal-Kuntistabbli Roger Deabbista, joħroġ l-impenn u r-rieda tal-forzi ta' l-ordni li jiddefendu s-soċjetà u jiġġieldu l-kriminalità. It-tama hija li lkoll kemm aħna nsiru aktar konxji tax-xogħol siewi li jagħmlu l-Pulizija u l-perikli li jgħaddu minnhom.

Dan il-qtil kiesaħ u biered diġa' ħoloq ħidma intensiva biex jinġiebu quddiem il-ġustizzja u jieħdu dak li ħaqqhom il-persuni li wettqu dan ir-reat. Kull omiċidju hu reat serjissimu; meta jiġi mwettaq fuq persuna bl-uniformi minħabba t-twettiq tad-dmirijiet tiegħu, ikun iktar gravi.

Il-Ministeru jesprimi solidarjetà mal-familja, qraba u ħbieb tal-Kuntistabbli Debattista, b'mod partikolari ma' martu u tliet uliedu. Min-naħa tal-Pulizija ser ikun hemm l-impenn sħiħ sabiex dan ir-reat jiġi solvut.

Lill-membri tal-Korp tal-Pulizija, l-Ministeru jibgħat messaġġ ta' kuraġġ; il-poplu qiegħed warajkom fil-ġlieda kontra il-kriminalità, japprezza x-xogħol li qed tagħmlu, u l-Gvern u l-poplu jesprimu fiduċja fikom.

Ir-risposta ta' l-Istat u tal-Korp tal-Pulizija kontra l-kriminalità se tkun aktar soda u determinata. Il-ġlieda kontra l-kriminalità mhux talli mhux ser tiddgħajjef iżda se tissaħħaħ bil-mezzi kollha possibbli.

DOI - 12.11.2001



# Tifkira ta' l-Aħħar Ċena fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija

*Mis-Supretendent Raymond Vella Gregory*

Nhar il-Ġimgħa 22 ta' Marzu 2002, l-Onorevoli Ministru ta' l-Intern Dr Tonio Borg fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Pulizija is-Sur John Rizzo, fetaħ uffiċjalment dik li aħna insibu bħala l-Mejda ta' l-Appostli li għal sena oħra ġiet mtella' fis-sala Vilhena fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. F'kelmtejn ta' l-okkażżjoni, kemm il-Ministru kif ukoll il-Kummissarju urew is-sodisfazzjon tagħhom għal livell għoli f'dak li hu xogħol ta' arti esebiti f'din il-wrija l-aktar meta wieħed iqis li dan ix-xogħol isir minn żewġ membri tal-korp, u cioè is-Surgent Mario Ebejer u l-Kuntistabbli Pierre Bugeja.

Wara id-diskorsi, kien imiss lill-Kappillan tal-Pulizija Patri Raniero Zammit OFM biex ibierek il-Mejda. Patri Pawlin Cremona Karmelitan, spjega it-tifsira ta' l-ikel li kien preżentat fuq il-mejda u x'inhu is-sinifikat ta' din l-ikla. Kien ta' sodisfazzjoni kbir li għal din iċ-ċerimonja attendew numbru sabiħ ta' fizzjali u membri oħra tal-Korp.

Forsi wieħed jistaqsi jekk wirja bħal din għandix tittella; fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Personalment ngħid li iva, wirja bħal din mhux biss għandha postha fil-Kwartieri tagħna imma hemm wkoll rabta bjen il-messaġġ li twassal din il-wirja max-xogħol tal-Pulizija.




Bħal ma jaf kulħadd in-natura tax-xogħol tagħna kultant, jew aħjar ħafna drabi, timpedina milli nieħdu sehem sħiħ fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li jsiru fil-bliet u l-irħula tagħna. Għalhekk dawn iċ-ċirkustanzi jgħaqduna f'komunità. Naħseb li kulħadd jaf li l-kappella li għandna fil-Kwartieri Ġenerali hija kappella ħajja u fiha tiġi ċċelebrata quddiesa kull nhar ta' Ħadd, fil-festi kmandati u pubbliċi u kull l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Jiġu ċċelebrati b'mod solenni festi oħra bħal l-Milied, Maria Addolorata, Ħamis ix-Xirka, l-Ġimgħa l-Kbira, l-Għid il-Kbir u l-festa tas-Salib li tiġi ċċelebrata fil-Police Day.



Iżda fejn hi r-rabta bejn il-messaġġ tal-mejda u x-xogħol tagħna? L-ikel li nsibu fuq il-mejda jissimboliza tbatija u tama, it-tbatija li għaddew minnha il-Lhud taħt il-ħakma Eġizzjana u t-tama ta' ħajja aħjar. Fix-xogħol tagħna wkoll hemm it-tbatija kemm dik personali kif ukoll ta' persuni li jisfaw vitmi ta' xi reat. Imma jrid ikun hemm it-tama li bix-xogħol tagħna, anke jekk kultant b'sagrifiċċju, is-sewwa u l-ġustizzja jirbħuh. Per eżempju fuq il-Mejda nsibu bajd iebes li apparti li jfakkarna fil-qalb iebsa



tal-Farawni xorta fih messaġġ ta' tama, ta' ħajja ġdida bħal meta l-fellus joħroġ mill-bajda. Barra minn hekk, fl-Aħħar Ċena Sidna Ġesu Kristu għamel diskors li fih mhux biss waqqaf is-Saċerdozju iżda wkoll għamlilna kmandament ġdid meta qal "Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin, bħal ma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin". U dan il-kmandament żgur li jgħodd għal kull wieħed u waħda minna, meta bi kliemna jew b'egħmielna inkunu se ngħamlu ħsara lil xi kollega jew forsi nkunu aħna vitma ta' ħsara.

Indur lura għal din il-wirja li kif għidt qabel grazzi għal ħila u dedikazzjoni tal-kollegi tagħna, ix-xogħol ta' arti kien wieħed ta' livell għoli. Kemm is-sett ta' statwi kif ukoll ix-xogħol tal-melħ fil platti u fit-tilari ġie mfaħħar minn dawk kollha li żaru il-wirja. Nista' ngħid mingħajr tlaqliq li n-numru ta' nies li ġew din is-sena jiżboq konkorrenzi ta' snin oħra. Fil fatt kien hemm ġranet li fihom ma stajnix inżommu mal-ħin ta' l-egħluq kif stabbilit fil-programm u dan minħabba l-fatt li n-nies baqgħu ġejjin. Din is-sena, fuq inizzjattiva tal-Kummissarju is-Sur John Rizzo, is-sala ġiet imdawwra bi drapp iswed li daħħal lil kull min ġie aktar fl-ispirti ta' meditazzjoni. Interessanti l-fatt li waqt li kienu qed isiru l-aħħar preparamenti kif wkoll meta l-wirja kienet miftuħa, kien hemm diskussjoni kontinwa dwar kif nistgħu insebħu il-wirja u xi xogħol ieħor li jista' jsir fil-ġejjieni kemm għal żmien il Ġimgħa l-Kbira u l-Għid kif wkoll għal festi oħra.

Kien ukoll ħsieb sabiħ u nobbli minn naħa tal-Kummissarju li id-donazzjonijiet li jingħataw minn dawk li jzuru l-wirja imorru b'riżq Dar Nazzaret fiż-Żejtun immexxija minn Dun Anġ Seychell.

Dun Anġ kien il-predikatur fl-eżerċizzi spiritwali għal membri tal-Korp din is-sena, u min hawn nixtieq minn qalbi nirringrazzjah ta' dan is-servizz.

Għal darba bdejt bir-ringrazzjamenti, tajjeb li nkompli nuri l-apprezzament sinċier tiegħi lejn dawk kollha li b'xi mod jew ieħor mhux biss taw il-kontribut tagħhom biex il-wirja tal-Mejda ta' l-appostli tkun suċċess imma li matul is-sena kollha jgħatu s-sehem tagħhom biex il-kappella tagħna tinżamm fi stat tajjeb kif wkoll inżommu ħaj l-ispirtu nisrani. Nibda biex nirringrazzja lill-Kummissarju tal-Pulizija għall-għajnuna u l-inkorraġġiment tiegħu, lid-Deputat Kummissarju, lis-Supretendent Andrew Logan, lis-Surġent Mario Ebejer, lil Kuntistabbli Pierre Bugeja, u lil kollegi tagħna tat-Trades Section, tat-taqsima tal-Fotografija u tas-CMRU. Lil Patri Pawlin Cremona Karmelitan li kull sena jgħatina l-assisstenza tiegħu. Lill-abbatini tagħna li matul is-sena kollha jgħatu is-sserviz tagħhom u li huma Paul Logan, Marcus Cachia u Sara Cachia. Fl-aħħar iżda żgur mhux l-anqas lil kappilan tal-Korp, Patri Raniero Zammit OFM għad-dedikazzjoni tiegħu lejn il-Korp u għax-xogħol siewi li qed iwettaq f'din il-parti ta' l-għalqa tal-Mulej u flimkien miegħu hemm Patri Franġisk u Patri Raymond li wkoll nirringrazzjhom.

Għalik li ħadt paċenzja taqra dan l-artiklu u li forsi s'issa għadek qatt ma ħadt sehem f'xi funzjoni jew forsi qatt ma tajt is-sehem tiegħek, tibqax lura. Tinsix li dak li ngħamlu ma ngħamluhx għal glorja tagħna imma għal glorja ta' Dak li għalina fetaħ dirgħajh u miet, Dak li lilna qed izommna u jmexxina għax aħna nemmnu bis-sħiħ fil-motto tagħna DOMINE DIRIGE NOS.




Need a break?
we offer just what you need
• Special rates for short and long breaks
• Use of pools including buffet lunches
• Conference facilities
• 3 outdoor pools one with seperate childrens section
• 1 large indoor pool (heated in winter) with seperate children section
• Private sandy beach with watersports and scuba diving
• Games rooms and playing field with soft flooring
• Bistro offering snacks
FENECH
PARADISE BAY HOTEL
★★★★
Cirkewwa
MALTA
Tel: 2157 3981/8, Fax: 2157 3115
Email: paradise@global.net.mt Website: www.paradise-bay.com

# 18 members of the Force donate blood



*A group of Police Officers who called to donate blood*

On Wednesday 30$^{th}$ January 2002, the Mobile Blood Donation unit was parked opposite Police Headquarters for members of the Force wishing to donate blood.
25 members called on the day to donate blood of whom 18 members were allowed to donate blood.
It was considered as a success by the management of the National Blood transfusion Department

Thanks Letter

## Thanks from the National Blood Trasfusion

Sir,
On behalf of the management of the National Blood transfusion Department, I would like to thank you for the permission and the organization to donate blood and all those who called to donate blood. We consider this drive as a success.
I thank you once more and hope that we hear from you again to organize a similar event.

Best regards.
Angelo Degiorgio
Nursing Officer, Donation Area
National Blood Transfusion Service.

**National Blood Transfusion Service**



*Members of the Force during the process of donating blood in the Mobile Blood unit.*

# SERVIZZI OFFRUTI MINN DATATRAK

**Introduzzjoni**

Datatrak Systems Ltd (DSL) giet stabillita formalment fis-27 ta' Frar 1998. Hija giet iffurmata minn grupp lokali ta' investituri privati flimkien mal-Maltacom plc u s-Securicor International Holdings. F' Awwissu 1998, il-kumpanija hargitilha permess mill-Ministeru tat-Telekommunikazzjoni sabiex tuzha network dedikat bi frekwenzi allocati apposta ghalija. L-ghan principali ta' din il-kumpanija kienet l-istallazzjoni, l-izvilupp u l–operat f'Malta tat-teknologija zviluppata mis-Securicor Information Systems gewwa il-Gran Brettanja.

F' Mejju 2000, Siemens, wahda mill-akbar kumpaniji fil-qasam elecroniku, xtrat lis-SIS minghand is Securicor plc u inbiddel isimha ghall-Siemens Datatrak Location and Information Systems Limited. Hafna mill-apparat li gie intuzat biex issostni in-network tad-Datatrak kien provdut mis-Siemens u ghalhekk l-istrategija ta' din il-kumpanija baqa' fuq l-izvilupp ta' din in-network f'ambitu globali.

**In-Network**

Is-sistema tad-datatrak hija network mifruxa madwar il-gzejjer Maltin li tiprovdi management ta' vetturi u ta' apparat. Fil-bidu, is-Securicor kienu zviluppaw sistema ta' tracking sabiex ikunu jistghu jimmoniterjaw bl-aktar mod effetiv il-vetturi li jgorru il-flus. SIS giet iffurmata u uzata sabiex jigu zviluppati applikazzjonijiet aktar kritikali ghall-servizzi ta' emergenza u management ta' flottot.

Ghalkemm il-kuncett ta' lokazjoni ta' vettura ilu maghruf ghall-numru ta' snin, jezistu relattivament ftit sistemi li joffru dan is-servizz. Hafna minn dawn is-sistemi jidetterminaw il-posizzjoni tal-vettura, imma, is-sistema idejali hija dik li taghqad informazzjoni dettaljata tal-posizzjoni tal-vettura ma' mezz ta' komunikazzjoni efficenti u li jista' jigi interpretat f'mod viziv.

**Id-datatrak f'Malta**

Datatrak Systems Ltd ilha topera fis-suq lokali minn Ottubru 1999 u irnexxilha tikseb reputazzjoni tajba billi toffri firxa ta' applikazzjonijiet differenti ta' din is-sistema. Dawn qed jigu offruti lill-pubbliku bhala erba' prodotti distinti:
Fleetrak – dan kien l-ewwel servizz offrut mid-DSL immirat lejn kumpaniji li ghandhom bzonn sistema efficenti li tiprovdi informazjoni dwar il-vetturi taghhom. Dan is-servizz joffri lill-klijent il-posizzjoni tal-vettura kif ukoll informazzjoni ohra relatata mat-tragit ezempju, distanza, direzzjoni, speed, etc. Zvilupp li jista' jsir f'din is-sistema twassal ghall-komunikazzjoni mill-vettura ghall-klijent u vici versa.

*Alarmtrak* – din is-sistema tiprovdi sistema ta' kommunikazzjoni billi tintegra ma' l-apparat ta' sigurta. Li jkun hemm installat fuq il-post Il-vantagg ta' din is-sistema fuq sistemi ohrajn hija illi il-klijent jigi provdut b-informazzjoni differenti skond it-tip ta' alarm li jkun iggenerat: sgass, tbghabis mas-sistema, panic alarm, nuqqas ta' provista tad-dawl u hruq. Id-datatrak ghadha kemm introduciet fis-suq sistemi ta' CCTV digitali li tista' tigi integrata ma' din is-sistema ta' l-Alarmtrak.

Is-sistema tas-CCTV ghandha il-facilitha li ittella' alarm meta jkun hemm bdil fl-istampa u dan l-alarm jista' jigi mibghut lill-klijent. Barra min hekk il-klijent jista' jidhol fis-sistema min postijiet remoti permezz tat-telefon jew l-internet u jara dak kollu li qed jidhol gewwa is-sistema.

*Boatrak* – Din is-sistema tiprovdi serhan tal-mohh lis-sidien tad-dghajes meta jkun f'nofs bahar. Is-sistema tiprovdi buttuna li meta tigi mghafusa tiggenera sinjal li jigi intercettat mill-Bureau tad-Datatrak. Dawn mhux biss jaghddu is-sinjal ta' emergenza lill-awtoritajiet ikkoncernati izda jkunu jistghu jaghtu il-posizzjoni ezatta tal-vettura tal-bahar.

*Trakbak* – Din hija applikazzjoni ohra li timmira s-suq tal-vetturi privati. Dan is-servizz jigarantixxi il-privatezza ta' l-individwu filwaqt li jipprovdi sistema ta' sigurta soffistikata.

Minbarra dan kollhu, il-kumpanija ghamlet kuntratti essenzjali ma' entitajiet publici u awtorijtajiet ta' l-ghola livell.

Settur importanti huwa dak tal-Pulizija fejn giet installata is-sistema fil-vetturi tal-Pulizija. Hafna mill-vetturi tal-Pulizija ghandhom is-sistema tal-Fleetrak u dan qed jiprovdi informazzjoni siewja sabiex ikun jista' jsir management ahjar tal-flottot li jkunu barra fit-triq. Ghal-dan il-ghan gie installat gewwa il-Control Room software specifiku li jipprovdi l-informazzjoni tal-pozizzjoni tal-flotta tal-Pulizija fuq ritratti ta' Malta. Ghalhekk, meta jkun hemm il-htiega, il-vetturi jistghu jigu iggwidati b'mod aktar strategiku mill-Control Room. Ftehim iehor li ntlahaq bejn id-datatrak u l-Pulizija huwa li l-intrusion alarms u il-panic alarms tal-klijenti tad-datatrak li ghandhom installat kemm gewwa il-vetturi kif ukoll gew bini, jigu imtella fuq dan is-software. Ghalhekk, f'temp ta' seba' sekondi, il-pulizija ikollha l-informazzjoni necessarja tat-tip ta' alarm li telgha (u dan jinkludi il-puzizzjoni tad-dar, informazzjoni tal-kuntatt li jrid issir, etc). Fl-istess hin, din qed tiprovdi l-informazzjoni necessarja tal-vetturi tal-pulizija li qeghdin madwar dak l-alarm.

Barra mis-sistema provduta lill-Pulizija, id-datatrak qeghda taghmel negozjati mal-Protezzjoni Civili. Hafna mill-vetturi u d-dghajjes tal-Protezzjoni Civili qed jigu installati bis-sistema tad-datatrak u fil-futur qarib kull alarm li ghandu x'jaqsam mal-Protezzjoni Civili, bhall-hruq jew salvatagg, jigu mtellghin direttament fic-Control Centre tad-DCP. B'hekk kull attivita li tinvolvi il-Protezzjoni Civili jkunu jistghu jigu indirizzati b'mod aktar efficenti fl-inqas hin possibli.

**Konkluzzjoni**

Datatrak Systems Limited taghmel ricerka kontinwa sabiex tizviluppa l-applikazzjonijiet taghha kemm minn naha ta' apparat kif ukoll minn naha ta' software. Zvilluppi maghrufa li saru tas-sistema jinkludu ic-cinturin tal-gwardjan, sistema li tiprovdi informazzjoni b'kuntatt dirett bejn il-Gwardjan, il-Kunsilli Lokali u t-Tribunal. Il-kumpanija zviluppat applikazzjoni ta' Telemetrija minn u ghal postijiet remoti bi prezzijiet kompetitivi. L-impenn tad-Datatrak Systems Ltd huwa li toffri soluzjonijiet zviluppati skond il-bzonn tal-klijent.

Diversi pajjizi joperaw is-sistema tad-datatrak fosthom l-Inghilterra, l-Awstrija, l-Argentina, il-Belgju, l-Olanda, il-Lussenburgu u l-Afrika t'Isfel.




**The Peugeot 206 1.4 HDi. Irresistibly economical.**

The outstanding fuel economy of the Peugeot 206 1.4 HDi means chances to admire it on the garage forecourt are few and far between. However, this efficiency hasn't been achieved by sacrificing other aspects – exciting performance, low engine noise and the very latest technology mean the car is as pleasurable to drive as it is to look at.

* Fuel consumption measured on extra-urban cycle

**Michael Attard Ltd.**

National Road, Blata l-Bajda Tel: 21 238854 Psaila Street, Sta. Venera Tel: 21 449312
Gozo Sub Agent: Attard Auto Dealer, Mgarr Rd, Ghajnsielem, Tel: 21 559453

PEUGEOT. ENGINEERED TO BE ENJOYED.

206 PEUGEOT

ASV COMPUTERS

INTEL PENTIUM 4 - 1.6Ghz

SMART CARD ACCEPTED

- ATX Motherboard
- 256Mb DDR Ram – 266 Mhz
- 16x DVD-ROM
- 1.44Mb Floppy Drive
- 40Gb Hard Disk
- 64Mb Video Card Ge-Force-2 with TV Out
- 56Kbps Internal Fax/Modem
- ATX Case with 300 Watts PSU
- Multi-Media Keyboard
- PS 2 Scroll Mouse
- 350 Watts Speakers
- 17" Monitor

Price Lm450 VAT inc.







HP 845C Inkjet Printer Lm57.00
HP 2200C Scanner Lm52.00

Wide range of Computer Tables

No. 12, Garden Street, Qormi • Tel: 21 497 490 • Mob: 9944 1577 • Fax: 21 451 105
e-mail: info@asvcomputers.com • Web-Site: http://www.asvcomputers.com

*Prices & Specifications are subject to change without notice.*

## The Public Perception of the Malta Police Force

*by P.S. 691 Charles Abdilla (Bachelor in communication studies (Honours) at the Communications Technology of the University of Malta*

## Public expectations from the Police

Every group in society seeks competent policing that addresses its concern. The Police Force is not only interested in identifying what ,local communities expect from it, but also wants to identify how well they are meeting those expectations. The Police have a principal function of maintaining law and order. They have a highly organized mobile response capacity immediacy and they have the symbolic and legal power to take action. Moreover, they fulfill public expectation that the service they render be both effective and fair.

